MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2010

Numru 232/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**SPETTUR MALCOLM BONDIN**
**KONTRA**

**ZVIADI BAIKHOIDZE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Zviadi Baikhoidze, bin George u Medeia nee' mhux maghruf, mwieled Telavi, Georgia nhar is- 6 ta' April 1976, residenti Flat 1, Savoy Terrace, Block C Rue D' Argan Gzira u detentur tal- passaport numru 08AI84918;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) nhar it- 2 ta’ Jannar 2010 ghall habta tal- 4.00pm gewwa l- fond Ultimate, Triq Salvu Busuttil, San Gwann, ikkommetta serq ta’ Laptop tad- ditta Acer Extensa 5630, ghad- detriment ta’ Mario Cutajar, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur;

2) aktar talli fid- 9 ta’ Marzu 2010 ghal habta tas-6.30pm gewwa l- fond Ultimate, Triq Salvu Busuttil, San Gwann, ikkommetta serq ta’ pen drive, ghad- detriment ta’ Mario Cutajar;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, din il-Qorti tista’ tghaddi minnufih ghas-sentenza. Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluz l-istqarrija tal-imputat u l-fedina penali netta tieghu, u giet infurmata li l-imputat qieghed Malta b’ mod irregolari. Ghalhekk, mal-ghoti tas-sentenza, hu ser jintbaghat lura fil-pajjiz ta’ origini tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261 u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------